

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Frar 2009

dwar in-nuqqas ta' pubblikazzjoni tar-referenza għall-istandard EN 3-9:2006 "Apparat tat-tifi tan-nar li jista' jinġarr – Parti 9: Rekwiżiti addizzjonali għal EN 3-7 għar-reżistenza ta' pressjoni ta' apparat tat-tifi tan-nar CO₂", skont id-Direttiva 97/23/KE dwar apparat ta' pressjoni

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 666)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/140/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-ligġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' apparat ta' pressjoni⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti stabbilit skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandardi u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli tas-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika⁽²⁾,

Billi:

(1) Id-Direttiva 97/23/KE tiprovd li apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi jiġi qiegħdu fis-suq u jitħaddmu jekk biss, meta jkunu installati kif suppost u mantnati u użati għall-użu maħsub għalihom, ma jpoġġux is-saħħa u s-sigurezza ta' persuni f'periklu u, fejn ikun xieraq, annimali domestiċċi jew proprijetà.

(2) ĠU L 181, 9.7.1997, p. 1.

(2) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

(2) Apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi huma meqjusa li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenziali stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE jekk dawn jikkonformaw mal-istandardi nazzjonali li jittrasponu l-istandardi armonizzati li n-numru ta' referenza tagħhom kienu ġew ippublikati f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(3) Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 97/23/KE, l-Isvezja ressqt ogħejżejjni formali dwar l-istandard EN 3-9:2006 adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) fit-2 ta' Novembru 2006 li s'issa r-referenza tiegħi f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għadha ma ġietx ippublikata.

(4) L-Isvezja tikkunsidra t-taqsimiet 4, 5.1, 5.2, 5.4, 6 u 8 tal-istandard EN 3-9:2006 ma jissodisfawx ir-rekwiżiti essenziali tad-Direttiva 97/23/KE.

(5) Fir-rigward tat-taqSIMA 4 (materjali) ta' EN 3-9:2006, l-Isvezja tikkunsidra li informazzjoni ġenerali biss hi mogħtija u għalhekk mhux possibbli li jkun hemm provvediment għal soluzzjonijiet tekniċi fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-materjali fil-punt 4 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE. L-għażla preċiża tal-materja hi, f'dan il-kuntest, element essenziali biex jintlaħqu diversi rekwiżiti essenziali dwar is-sigurezza għal apparat ta' pressjoni b'konformità mar-rekwiżiti relevanti tal-Mandat M/071 għas-CEN.

- (6) It-TaqSIMA 4 tal-istandard EN 3-9:2006 ma tispeċifikax it-tipi ta' materjali li għandhom jintużaw. L-istandard jipprekludi biss l-użu ta' materjali mhux tal-metall għall-għamla ta' apparati li joperaw u jirrikjedi li l-materjali tal-komponenti li jistgħu jkunu f'kuntatt mal-kontenut għandhom ikunu kompatibbli kemm mal-kontenut u anki mal-materjal tal-komponenti oħra. Għal-hekk, fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi konkreti, it-taqSIMA 4 tal-EN 3-9:2006 ma tistax tagħti l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-punt 4 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE.
- (7) Fir-rigward tat-taqSIMA 5 (disinn) tal-istandard EN 3-9:2006, u mod partikolari t-taqSIMIET 5.1 u 5.2, l-Isvezja hi tal-opinjoni li dawn ma jinkludux rekwiżiti tekniċi fir-rigward tad-disinn ta' kontenituri tas-CO₂ għas-saħħa xierqa fir-rigward taż-żamma tal-pressjoni. L-Isvezja tikkunsidra li dawn il-klawżoli ma jikkonformawx mal-punti 2.3 u 2.9 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE.
- (8) It-TaqSIMIET 5.1 u 5.2 tal-istandard EN 3-9:2006 ma jinkludu l-ebda rekwiżiti speċifiċi dwar id-disinn taċ-ċilindru u tal-apparat li jopera, u kif ukoll l-ebda soluzzjoni teknika ddettaljata biex tassigura l-mili u t-tbattil. Għalhekk, dawn mhumiex suffiċjenti biex jagħtu l-preżunzjoni ta' konformità għar-rekwiżiti ta' tqandil u operazzjoni siguri fil-punt 2.3 u fil-mili u t-tbattil sigur fil-punt 2.9 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE.
- (9) L-Isvezja tikkunsidra wkoll li t-taqSIMA 5.4 tal-istandard EN 3-9:2006 ma tikkonformax mal-punt 2.11.2 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE.
- (10) It-TaqSIMA 5.4 tal-istandard EN 3-9:2006 tħid li l-apparat ta' sigurezza ta' meta tinfraqa' d-diska tal-apparat tat-tifi tan-nar irid ikun attivat meta l-pressjoni tkun bejn 10 % aktar mill-pressjoni massima permessa PS u t-test tal-pressjoni PT. Id-diska li tinfraqa' hi kklassifikata fl-istandard bħala aċċessorju ta' sigurezza. Madankollu, id-diska li tinfraqa' mhix apparat tipiku li jillimita l-pressjoni iż-żda hi apparat ta' protezzjoni, billi l-għan tagħha hu li tnaqqas il-ħsara f'każ ta' mili żejed jew sħana żejda. Barra minn hekk, il-punt 2.11.2 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE dwar apparati li jillimitaw il-pressjoni tirrikjedi li dawn l-apparati jkunu ddisinjati biex il-pressjoni ma taqbiżx b'mod permanenti l-pressjoni massima permessa PS u li qabża ta' żmien qasir biss tista' taqbeż il-PS u anki f'dak il-każ 10 % biss. Għalhekk, din it-taqSIMA ma tistax tagħti preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 97/23/KE.
- (11) Skont l-Iż-żejja, it-taqSIMA 6 tal-istandard EN 3-9:2006 (il-manifattura tal-apparat tat-tifi tan-nar assemblat) hi intiża, skont l-Anness ZA tiegħu, biex tassigura konformità mar-rekwiżiti tal-punt 2.8 (Assemblaġġi) tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE. Madankollu, il-punt 2.8 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva tirrelata aktar mad-disinn milli mal-manifattura tal-apparat tat-tifi tan-nar assemblat.
- (12) Il-Punt 2.8 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE tinkludi rekwiżiti tad-disinn għall-assemblaġġi, biex tassigura li l-komponenti differenti, l-integrazzjoni propria u l-assemblaġġ xieraq f'prodott wieħed integrat u funzjonali jkunu adatti. Il-Punt 3 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva tinkludi rekwiżiti dettaljati dwar il-manifattura.
- (13) It-TaqSIMA 6 tal-istandard EN 3-9:2006 ma tinkludix rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tad-disinn. Minflok fiha informazzjoni ġenerali kemm fuq id-disinn u anki l-manifattura, iż-żda din mhix suffiċjenti biex tagħti l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-punt 2.8 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE. Barra minn hekk, billi l-kontenut ta' din it-taqSIMA ma jikkorrispondix mar-rekwiżiti relevanti tad-Direttiva, din tista' toħloq konfużjoni.
- (14) Finalment, l-Isvezja tikkunsidra li t-taqSIMA 8 tal-istandard EN 3-9:2006 ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-punt 3.3 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE, billi tnejn mill-aktar parametri importanti, il-pressjoni massima permessa PS u t-temperatura massima permessa (TSmax) huma nieqsa.
- (15) Id-Direttiva 97/23/KE tinkludi fil-punt 3.3 tal-Anness I rekwiżiti dettaljati fuq l-immarkar u l-ittikkettjar tal-apparat ta' pressjoni. Din tinkludi, għal kull apparat ta' pressjoni, informazzjoni dwar il-limiti massimi/minimi permessi essenzjali.
- (16) It-TaqSIMA 8 tal-istandard EN 3-9:2006 tinkludi rekwiżiti ta' immarkar dwar il-pressjoni massima permessa PS, iż-żda mhux dwar it-temperatura minima u massima permessi (TSMIN/TSmax). Għalhekk, din mhix suffiċjenti biex tagħti l-preżunzjoni ta' konformità mal-punt 3.3 tal-Anness I tad-Direttiva 97/23/KE.

- (17) Barra minn hekk, l-evalwazzjoni ġeneralni tal-istruttura u l-kontenut tal-istandard EN 3-9:2006 mhix ċara biżżejjed dwar il-fatt jekk din tindirizzax ir-rekwiżiti tad-disinn għall-assemblaġġ biss (apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr) jew tkoprix ukoll id-disinn tal-komponenti u l-fażi ta' manifattura tal-assemblaġġ. Din jaf toħloq konfużjoni fl-iskop u r-relazzjoni bejn il-klawżoli tagħha u r-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 97/23/KE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza tal-istandard EN 3-9:2006 "Apparati tat-tifi tan-nar li jistgħu jingāru – Parti 9: Rekwiżiti addizzjonali għall-EN 3-7 għar-reżistenza tal-pressjoni ta' apparati tat-tifi tan-nar tas-CO₂" ma għandhiex tkun ippubblikata fil-lista ta' standards ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

- (18) Għaldaqstant, fuq il-bażi tal-EN 3-9:2006, tal-informazzjoni rċevuta fil-qasam tal-konsultazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, is-CEN u l-industrija u wara l-valutazzjoni tal-aspetti kollha kkonċernati, jirriżulta li l-istandard EN 3-9:2006 armonizzat jonqos milli jilħaq ir-rekwiżiti essenzjali li jikkorrispondu tad-Direttiva 97/23/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussell, 10 ta' Frar 2009.

- (19) Ir-referenzi tal-istandard EN 3-9:2006 għalhekk ma għandhiex tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi President